C/2026/1793

23.3.2026

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-20 ta' Marzu 2026**

**li tistabbilixxi lista ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti skont ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għar-reġistrazzjoni internazzjonali tagħhom skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(C/2026/1793)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2019/1753, f'Novembru 2025 u f'Jannar 2026, ċerti Stati Membri talbu lill-Kummissjoni tirreġistra fir-Reġistru Internazzjonali 22 Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta ("DOP"), Indikazzjoni Ġeografika Protetta ("IĠP") u Indikazzjoni Ġeografika ("IĠ") skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] li joriġinaw fit-territorju tagħhom u li huma protetti skont id-dritt tal-Unjoni.

(2) Għalhekk, abbażi tat-talbiet rispettivi ta' dawk l-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi lista għal dawk id-DOP, l-IĠP u l-IĠ mitluba.

(3) Wara li tiġi stabbilita l-lista, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni internazzjonali bħala denominazzjonijiet ta' oriġini fir-rigward ta' ismijiet protetti f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1143 bħala DOP għall-inbid u għall-prodotti agrikoli, u applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni internazzjonali bħala indikazzjonijiet ġeografiċi fir-rigward ta' ismijiet protetti f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1143 bħala IĠP għall-inbid u għall-prodotti agrikoli jew bħala IĠ għal xorb spirituż.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika dwar il-Kwalità għal prodotti agrikoli, inbid u xorb spirituż,

[1] ĠU L 271, 24.10.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1753/oj.

[2] Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 (ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj).

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Lista ta' Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti (DOP), Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti (IĠP) u Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IĠ) skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2024/1143, protetti skont id-dritt tal-Unjoni, li għalihom il-Kummissjoni għandha tippreżenta applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni internazzjonali tagħhom hija stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Marzu 2026.

*Għall-Kummissjoni*
Christophe HANSEN
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**Lista tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti fl-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1143 (Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti, Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti u Indikazzjonijiet Ġeografiċi) li jridu jiġu ppreżentata bħala applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1753**

***Franza***

Prodotti agrikoli

— Valençay (DOP)

— Caviar d'Aquitaine (IĠP)

— Clémentine de Corse (IĠP)

— Huître de Normandie (IĠP)

— Riz de Camargue (IĠP)

— Saucisse de Montbéliard (IĠP)

— Saucisse de Morteau / Jésus de Morteau (IĠP)

Inbid

— Cairanne (DOP)

— La Clape (DOP)

— Pic Saint-Loup (DOP)

— Sable de Camargue (DOP)

— Terrasses du Larzac (DOP)

— Vézelay (DOP)

Xorb spirituż

— Cassis de Bourgogne (IĠ)

— Rhum de la Guadeloupe (IĠ)

— Rhum de la Guyane (IĠ)

— Rhum de la Réunion (IĠ)

— Rhum de sucrerie de la Baie du Galion (IĠ)

— Rhum des Antilles françaises (IĠ)

— Rhum des départements français d'outre-mer (IĠ)

***L-Italja***

Inbid

— Trentino (DOP)

Xarba spirituża

— Nocino di Modena (IĠ)